MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 70/2011

**Strand Palace Agencies Limited C3838**

**vs**

**Keith Stagno Navarra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmien Ewro u tlettax il-centezmu (€708.13c) rapprezentanti ammont bilancjali dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-Socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali tat-2 ta' Novembru, 2010 u bl-imghax legali mill-14 ta' Novembru, 2006 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmien Ewro u tlettax il-centezmu (€708.13c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------